FONDAZZJONI GĦAL
SERVIZZI EDUKATTIVI
Foundation for Educational Services

# Ejjew Niktbu Flimkien!

## Esperjenza ta' Kitba għall-Familji

Għeżież,

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) bil-kollaborazzjoni ma' *Heritage Malta* ser torganizza **Esperjenza ta' Kitba** għall-familji. Din hija opportunità għall-ġenituri li jixtiequ jaqsmu ftit tal-ħin m'uliedhom f'attivitajiet ta' gost marbuta mal-kitba.

**Data:** **Is-Sibt 27 ta' Novembru 2010** **Ħin: 2.30pm – 4.30pm**

**Post:** **Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, il-Belt Valletta**

**Ħlas:** **€10 kull par (adult u wild) li jinkludi l-ħlas għal dħul fil-mużew**

L-għan ta' din l-esperjenza huwa li tagħti l-opportunita` lill-membri tal-familja kollha li flimkien jieħdu gost f'avventura intensiva ta' kitba. B'hekk il-familji jiltaqgħu ma' modi oħra kif il-kitba tista' tkun komunikattiva u ta' gost. Tgħin ukoll biex it-tfal jibdew jaħsbu fuq it-tagħlim tal-kitba b'mod iktar pożittiv.

Matul din l-attività ser ikun hemm gwida mill-*Heritage Malta* li jdawwarna u jagħtina tagħrif fuq il-post. Wara ser issir attivita` ta' kitba marbuta ma' xi aspetti li nkunu nnutajna.

Nistiednuk tapplika għal din l-esperjenza. It-tfal irid ikollhom mill-inqas tmien snin u jkunu kapaċi jesprimu ruħhom fil-kitba mill-inqas f'livell ta' sentenzi biex joħolqu test unit. **Kull tifel u tifla j/trid tiġi ma' adult/a li j/tieħu parti attiva fil-programm mħejji.**

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010**. Il-ħlas jista' jsir permezz ta' ċekk li jintbagħat flimkien ma' din l-applikazzjoni. Iċ-ċekk għandu jkun indirizzat lil Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi u jintbagħat lil:

Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi
Attn: Ms Muriel Grech
P.O. Box 1
Rabat, RBT1000
Malta.

Nilqgħu l-ewwel applikazzjonijiet li nirċievu.

Narawkom!

Annabel Desira
Koordinatriċi tal-Programm

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI
Foundation for Educational Services

# Ejjew Niktbu Flimkien!

## Applikazzjoni għal Esperjenza ta' Kitba għall-Familji

Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, il-Belt Valletta: Is-Sibt 27 ta' Novembru 2010

<table>
<tr><td colspan="3">Isem il-ġenitur/i li ser jattendu:</td><td>Numru ta' tfal li ser jattendu:</td></tr>
<tr><td>Isem it-tfal:<br>1<br>2<br>3</td><td>Età:<br>1<br>2<br>3</td><td colspan="2">Skola tat-tfal:<br>1<br>2<br>3</td></tr>
<tr><td colspan="2">Numru tat-telefown:</td><td colspan="2">Mowbajl:</td></tr>
<tr><td colspan="4">Indirizz:</td></tr>
<tr><td colspan="4">Imejl tal-familja:</td></tr>
<tr><td colspan="4">Ħadt parti f'xi attivitajiet oħrajn organizzati mill-Malta Writing Programme? □ Iva □ Le<br>Jekk iva: □ Xalata ta' Kitba □ Summer Writing Camp □ Klabb Kittieba Żgħar<br>□ Attivitajiet oħrajn: ______________________________</td></tr>
</table>

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010**

**Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21 455 600/607 ext 124**
**u staqsu għal Muriel Grech jew ibgħat imejl fuq mwp.fes@gov.mt**

Formola ta' Kunsens

Din l-informazzjoni qed tinġabar u ser tintuża u tinħażen skont kif mitlub mill-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tagħrif ta' l-2001, l-Att dwar l-Edukazzjoni, leġislazzjonijiet oħra marbutin u r-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-Fondazzjoni, li wieħed jista' jitlob kopja tagħhom.

**Jiena hawn taħt iffirmat/a nagħti l-kunsens tiegħi lill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) li jipproċessaw u jżommu informazzjoni personali mogħtija fuq din l-applikazzjoni.**

Isem il-ġenitur/*carer*: ______________________ Firma: ______________________

Data: ______________________